# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 16 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 12**

**Rikors numru 210/2024/1**

**Sultech & Co**

**v.**

**Il-Kunsill Lokali tal-Qala Għawdex u MJ Trading Ltd**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Sultech & Co kontra deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fit-2 ta' April, 2024, li permezz tagħha l-Bord ma qabilx mal-ilment imressaq minnha, li l-offerta tal-kumpanija appellata MJ Trading Ltd ma kinitx toqgħod mal-ħtiġijiet tekniċi tas-sejħa pubblika QLLC/08/2023.

**Daħla**

2. Fit-13 ta' Ottubru, 2023, il-Kunsill Lokali tal-Qala ħabbar sejħa pubblika (QLLC/08/2023) bl-isem ta' *«Tender for the Collection of Bulky Refuse in an Environmentally Friendly Manner»*, b'valur stmat ta' €24,500, bit-taxxa fuq il-valur miżjud mhux meqjusa. Iż-żmien tal-kuntratt kellu jkun għal tliet snin, bil-possibbiltà li dan jiġi mġedded b'sena oħra (ara **klawsoli 1.2** u **1.3 tal-istruzzjonijiet għall-oblaturi** f'paġna 4 tad-dokument tas-sejħa).

3. Skont **klawsola 2 tal-ispeċifikazzjonijiet**, li tinsab f'paġna 12 tad-dokument tas-sejħa, l-għan aħħari wara din is-sejħa kien hekk:

> *«The overall objectives of this call of which this contract will be a part are as follows:*
>
> *Collection of Bulky Refuse that consists of general bulky waste from private houses or residential homes which cannot be collected by the Household and Commercial Waste Collection Service due to the size of the items, but excluding;*
>
> *(a) Industrial waste;*
>
> *(b) Waste from any mine or quarry and waste from premises used for agriculture; and*
>
> *(c) Waste resulting from building or construction works.*
>
> *"Industrial Waste" means waste resulting from any industrial process.*
>
> *"Item" means any object even divided into separate pieces, which in its original state was considered as one item.*
>
> *"Collection" means the collection of an undetermined number of items*

*from a household.»*

4. L-oblaturi ekonomiċi interessati fis-sejħa kellhom jieħdu ħsieb jimlew formola, li fiha kellhom jipprovdu l-letteratura teknika (ara **klawsola 5(C)(ii)** f'paġna 6 tad-dokument tas-sejħa). Kif tgħid din l-istess klawsola, «*The scope of the literature is to corroborate a fully compliant techincal offer.*» Skont din il-formola, il-lista tal-letteratura li kellha tiġi provduta mill-oblaturi ekonomiċi kienet magħmula minn dawn l-affarijiet:

| Item | Description |
|---|---|
| **1.1** | **Log Book of Vehicles to be employed on this contract (main vehicle and back up vehicle)** |
| **1.2** | **Proof that vehicle/s** have been duly registered ERA to transport bulky refuse. **(main vehicle and back up vehicle)** |

**For GPP criteria:**

| Item | Description |
|---|---|
| **1.1** | The bidder must present the technical sheets of the vehicles where emission standards are defined. For those vehicles where technical upgrade has achieved EURO IV standard the measures must be documented and included in the tender application, and this must be approved by a credible third party. **(main vehicle and back up vehicle)** |

5. Wara li ntemm il-proċess tal-għarbiel tal-offerti, il-Kunsill Lokali tal-Qala ħabbar fit-3 ta' Frar, 2024, li huwa kien qiegħed jirrakkomanda li l-kuntratt jingħata lil MJ Trading Ltd bil-prezz ta' €14,535.60 bil-VAT mhux inkluż.

6. Sultech & Co ma qablitx ma' din l-għotja għax dehrilha li l-offerta

mressqa minn MJ Trading Ltd ma kinitx konformi mal-ħtiġijiet tekniċi tas-sejħa. Fl-ittra tal-oġġezzjoni tagħha hija qajmet tliet punti: (i) li MJ Trading Ltd m'għandha reġistrata fuq isimha l-ebda vettura li hija awtorizzata mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi sabiex tiġbor l-iskart f'Malta u Għawdex; (ii) li jekk kemm-il darba MJ Trading Ltd kienet sejra tistrieħ fuq ir-riżorsi ta' subkuntratturi jew terzi oħra sabiex tkun tista' twettaq il-kuntratt, allura l-Kunsill Lokali tal-Qala ried juri x'verifiki għamel biex jiżgura li MJ Trading Ltd setgħet tabilħaqq tinqeda bir-riżorsi ta' dawn is-subkuntratturi u terzi, u kif ukoll li tara jekk dawn kinux b'xi mod milquta minn xi *blacklisting*; u (iii) li dejjem jekk MJ Trading Ltd kriet xi vetturi mingħand xi terz, allura ried jiġi mistħarreġ jekk tali kiri sarx b'ħarsien tad-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi (Leġislazzjoni Sussidjarja 499.68)**.

7. Il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi żamm seduta fil-5 ta' Marzu, 2024, u dakinhar instemgħu tliet xhieda.

8. L-ewwel xhud kien <u>William Sultana</u>, wieħed mill-membri tal-bord tal-għażla. Dan xehed li MJ Trading Ltd provdiet il-*log book* tal-vetturi ECM-602 u HCC-753. Qal li għalkemm is-sid ta' dawn iż-żewġ vetturi hija Malta Recycle and Waste Collection Limited, madankollu MJ Trading Ltd ipprovdiet kuntratt li juri li Malta Recycle and Waste Collection Limited

kienet ħa tikrilha dawn iż-żewġ vetturi.

9. It-tieni xhud kien Daniel Caruana, li huwa rappreżentant tal-Awtorità Għat-Trasport f'Malta. Dan ix-xhud qal li l-vetturi ECM-602 u HCC-753 huma reġistrati fuq Malta Recycle and Waste Collection Limited. Qal ukoll li dawn iż-żewġ vetturi mhumiex reġistrati sabiex ikunu jistgħu jiġu mikrija għaliex il-pjanċi tagħhom ma jispiċċawx bl-ittri QZ.

10. L-aħħar xhud kien Jonathan Henwood, li huwa rappreżentant tal-Awtorità Għall-Ambjent u r-Riżorsi. Dan ix-xhud qal li l-vetturi ECM-602 u HCC-753 huma liċenzjati sabiex jiġbru tipi differenti ta' skart, fosthom l-iskart goff.

11. Aktard tard, b'deċiżjoni mogħtija fit-2 ta' April, 2024, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, iddeċieda l-każ hekk:

> *«Whereby, the Appellant contends that:*
>
> > *a) According to the requirements outlined in the Tender Dossier and the related documentation, bidders were required to provide/have a main vehicle and a backup vehicle to carry out the required services. The Waste Carrier must use vehicles approved by the Local Council and duly registered by the Environment and Resources Authority (ERA) or any other relevant authority at the time of award/contract duration. Furthermore, bidders were required to prove that vehicles have been duly registered with the ERA to transport bulky refuse (main vehicle and backup vehicle). The ERA fully publishes the list of all Authorised Waste Carriers in Malta & Gozo. The last accessible list was updated on 15/01/24. The name of the Preferred Bidder does not feature on the said list, implying that the vehicles provided by the preferred bidder are not registered in the name of the preferred bidder.*
> >
> > *b) Firstly, the Contracting Authority had to confirm whether it had requested the Preferred Bidder to confirm and/or outline how it intended to fulfil the tender requirements with the involvement of a third*

*party.*

*c) Secondly, the Contracting Authority was duty-bound to assess and evaluate such a third party "in line with the Exclusion and Blacklisting Criteria as per these Instructions to Tenderers. Furthermore, if the subcontractor is relied upon by the Contractor to meet the standards established in the selection criteria, apart from submitting the relevant commitments in writing, such reliance will be evaluated to verify its correctness and whether in effect these criteria are satisfied."*

*d) Thirdly, it is incumbent upon the Contracting Authority to rigorously ensure compliance with legal standards as mandated by the General Rules Governing Tenders. This includes a thorough examination of the legality of the engagement between the Preferred Bidder and any third party. Such scrutiny is essential, especially in light of specific regulations governing the sector, notably Subsidiary Legislation 499.68 of the Laws of Malta, which pertains to Light Passenger Transport Services and Vehicle Hire Services Regulations. This legislation mandates strict compliance with prescribed standards for vehicle leasing arrangements. It is pertinent to highlight, without delving into specifics at this juncture, that the nature and legality of the relationship between the Preferred Bidder and third parties warrant careful evaluation to ascertain adherence to the stipulated regulatory framework. Such considerations will further result during the hearing of this case.*

*This Board also noted the Contracting Authority's Reasoned Letter of Reply filed on 13th February 2024 and its verbal submission during the hearing held on 5th March 2024, in that:*

*a) The Qala Local Council holds that the claims put forward by the Objector are manifestly incorrect and should be discarded since during evaluation stage it has in fact strictly adhered to the law and to the tender specifications. The Council has been assured through numerous clarifications that the preferred bidder has the necessary vehicles to satisfy the tender specifications contained in the tender document. The said vehicles are also covered by the necessary ERA permits contrary to the Objector's submissions. Furthermore, the Objector is not correct when stating that the preferred bidder will subcontract the tender to third parties.*

*This Board also noted the Preferred Bidder's Reasoned Letter of Reply filed on 15th February 2024 and its verbal submission during the hearing held on 5th March 2024, in that:*

*a) The Contracting Authority was correct in its decision since the tender was adjudicated and awarded according to the Public Procurement Regulations. The Winning Bidder's application was technically compliant as per the tender document specifications. The submission tendered by the Appellant that the Winning Bidder will subcontract the tender to third parties is manifestly false.That the necessary vehicles satisfy the tender specifications as these are all covered by the necessary ERA permits.*

*This Board, after having examined the relevant documentation to this appeal and heard submissions made by all the interested parties including the testimony of the witnesses duly summoned, will now consider Appellant's grievances.*

*a) The Board notes that the evaluation committee duly afforded the right of a clarification to the preferred bidder, who in turn supplied the necessary information and Vehicle Lease Agreements which are in place for the use of the vehicles ECM-602 and HCC-753.*

*b) Bearing in mind that this is not a case of sub-contracting as per clauses found in page 5 of the tender dossier, this Board cannot but reject grievances as raised by the appellant.*

*The Board, Having evaluated all the above and based on the above considerations, concludes and decides:*

*a) Does not uphold Appellant's Letter of Objection and contentions,*

*b) Upholds the Contracting Authority's decision in the recommendation for the award of the tender,*

*c) Directs that the deposit paid by Appellant not to be reimbursed.»*

12. Sultech & Co appellat minn din is-sentenza fid-19 ta' April, 2024, bl-aggravju ewlieni jkun li MJ Trading Ltd ma tistax tingħata l-kuntratt mertu tas-sejħa minħabba li hija m'għandhiex vetturi biex tkun tista' twettaq dan il-kuntratt u biex tkun f'qagħda li tista' twettqu hija qiegħda tistrieħ fuq kiri ta' vetturi ma' terzi li jmur kontra d-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi**.

13. Il-Kunsill Lokali tal-Qala wieġeb għal dan l-appell fit-3 ta' Mejju, 2024 u fir-risposta tiegħu qal li huwa għandu riżorsi limitati biex jinvestiga dwar l-offerti tal-oblaturi ekonomiċi. Żied jgħid ukoll li huwa impossibbli

għalih li joqgħod jivverifika ma’ kull entità governattiva fuq is-siwi tal-kontenut tal-offerta ta’ kull oblatur ekonomiku. Minħabba f’hekk il-Kunsill temm ir-risposta tal-appell tiegħu billi qal li huwa ser ibaxxi rasu għal kull deċiżjoni li sejra tagħti din il-Qorti.

14. Min-naħa l-oħra, MJ Trading Ltd wieġbet għal dan l-appell fil-21 ta’ Mejju, 2024 u fir-risposta tagħha hija qalet li l-appell ma jiswiex għaliex Sultech & Co qajmet punt ġdid li ma kienx imressaq quddiem il-Bord ta’ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. F’kull każ, MJ Trading Ltd qalet li l-appell mhuwiex mistħoqq minħabba li ssostni li l-offerta tagħha hija konformi mal-ħtiġijiet tas-sejħa.

15. Inżamm smigħ fl-20 ta’ Ġunju, 2024 u wara li din il-Qorti semgħet is-sottomissjonijiet bil-fomm tal-avukati tal-partijiet, hija ħalliet il-kawża biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. Qabel tgħaddi biex tqis l-aggravju ta’ Sultech & Co, huwa xieraq li din il-Qorti tistħarreġ il-**<u>preġudizzjali</u>** mressqa minn MJ Trading Ltd dwar is-siwi tal-appell.

17. Fil-qosor ħafna, MJ Trading Ltd issostni li l-ilment ta’ Sultech & Co

quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kellu x'jaqsam biss mal-allegazzjoni li hija kienet sejra tqabbad subkuntratturi biex twettaq il-kuntratt. Ħaġa din, li skont MJ Trading Ltd ġiet meruta quddiem il-Bord peress li tgħid li ġie ppruvat minnha li hija ma kienet ħa tqabbad l-ebda subkuntrattur sabiex jassistiha fit-twettiq tal-kuntratt, għaliex hija daħlet biss f'arranġament ma' terzi biex tikri mingħandhom żewġ vetturi biex bihom tkun tista' twettaq il-kuntratt. Għalhekk MJ Trading Ltd tistieden lil din il-Qorti sabiex ma tqisx l-appell ta' Sultech & Co minħabba li tisħaq li dan ġie msejjes fuq aggravju li ma ġiex imressaq quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi.

18. Din il-Qorti tagħraf li huwa prinċipju miżmum fil-ġurisprudenza, anke f'dan il-qasam tal-liġi tal-akkwisti pubbliċi, li persuna ma tistax tappella quddiem il-Qorti tal-Appell dwar kwistjonijiet li ma jkunux ġew imqajma formalment quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi (ara ***Transporter Limited v. Ministeru Għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2024, ***V.J Salomone Pharma Limited v. Direttur Ġenerali Dipartiment tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' April, 2024 u ***SaniClean Joint Venture v. St. Vincent de Paul Long Term Care Facility et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Lulju, 2020). Ir-raġuni għal dan tinsab mibnija fuq il-fehma legali li xogħol il-Qorti tal-Appell bħala qorti ta' reviżjoni huwa dak li tistħarreġ jekk il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jkunx

ddeċieda b'mod tajjeb dak li jkun ġie mressaq quddiemu.

19. Fil-każ tal-lum iżda MJ Trading Ltd mhijiex qiegħda tgħid sew, li Sultech & Co qajmet aggravju fl-appell tagħha li ma kienx jifforma parti mill-mertu li suppost kellu jiddeċiedi l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi. Jekk wieħed jifli kif imiss l-ittra tal-oġġezzjoni li Sultech & Co ressqet quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, wieħed dlonk jista' jintebaħ li mhux minnu li l-ilment ta' Sultech & Co kien limitat fuq il-kwistjoni tas-subkuntratturi.

20. Kif spjegat aktar kmieni fid-daħla ta' din is-sentenza, l-ittra tal-oġġezzjoni ta' Sultech & Co kienet mifruxa fuq tliet aspetti differenti. L-ewwel aspett kien imsejjes fuq l-ipotesi li MJ Trading Ltd tefgħet l-offerta tagħha fuq is-saħħa tar-riżorsi tagħha stess. Dwar din l-ipotesi Sultech & Co sostniet li MJ Trading Ltd ma setgħetx tiddependi fuq ir-riżorsi tagħha stess sabiex twettaq il-kuntratt mertu ta' din is-sejħa peress li hi ma kellhiex vetturi reġistrati mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi biex tkun tista' tiġbor l-iskart goff. Mill-banda l-oħra, it-tieni u t-tielet aspetti tal-ittra tal-oġġezzjoni kienu msejsa fuq l-ipotesi li MJ Trading Ltd ħadet sehem f'din is-sejħa billi straħet fuq vetturi li kienu ħa jiġu provduti lilha minn subkuntratturi jew terzi persuni. F'dan ir-rigward Sultech & Co argumentat li kellu jiġi ppruvat li MJ Trading Ltd tabilħaqq setgħet tinqeda bir-riżorsi ta' subkuntratturi jew terzi persuni u li kull ftehim ta' kiri ta' vetturi li MJ

Trading Ltd setgħet kellha ma' terzi kien awtorizzat skont id-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi**.

21. L-appell li Sultech & Co ressqet quddiem din il-Qorti tal-Appell jinsab imsejjes sewwasew fuq dan it-tielet aspett tal-ittra tal-oġġezzjoni, li Sultech & Co kienet qajmet quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, *viz*. dwar jekk il-ftehim ta' kiri tal-vetturi li daħlet fih MJ Trading Ltd kienx milqut mid-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi**.

22. Huwa minnu li l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ma daħal xejn f'dan l-aspett fis-sentenza appellata (u dwar dan il-punt din il-Qorti sejra titkellem aktar 'il quddiem). B'daqshekk iżda dan ma jfissirx li dan l-aspett tal-ilment ma kienx jifforma parti mit-tilwima li kien hemm bejn il-partijiet.

23. Fuq kollox, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi temm is-sentenza tiegħu billi qal li huwa, «*Does not uphold Appellant's Letter of Objection and contentions.*»

24. Kif rajna parti mill-oġġezzjoni ta' Sultech & Co kienet dwar it-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta'**

**Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi**. Jiġi b'hekk, li MJ Trading Ltd mhijiex fejjieda meta targumenta fir-risposta tal-appell tagħha, li Sultech & Co qiegħda tipprova tqajjem punt ġdid fl-appell tagħha li ma kienx jifforma parti mill-ittra tal-oġġezzjoni tagħha.

25. Il-preġudizzjali ta' MJ Trading Ltd kontra s-siwi tal-appell ta' Sultech & Co għalhekk qiegħda tiġi miċħuda.

26. Dan iġibna għall-mertu tal-appell ta' Sultech & Co.

27. Fi kliem ħafif, Sultech & Co qiegħda tilmenta mill-fatt li l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ma qiesx l-ilment tagħha li MJ Trading Ltd ma tistax tingħata l-kuntratt mertu tas-sejħa minħabba li din kienet sejra twettaq il-kuntratt b'vetturi mikrija mingħand terzi bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi**.

28. Il-Kunsill Lokali tal-Qala baqa' newtrali għal din l-allegazzjoni u qal li huwa sejjer joqgħod fuq id-deċiżjoni ta' din il-Qorti.

29. Min-naħa l-oħra MJ Trading Ltd qalet li hija ssodisfat il-kriterji kollha tad-dokument tas-sejħa u għalhekk issostni li hija ma tistax tiġi skwalifikata fuq rekwiżiti oħra li ma ġewx mitluba mill-awtorità kontraenti.

30. Bħala punt ta' tluq, din il-Qorti taqbel ma' dak li tgħid MJ Trading Ltd li bħala prinċipju legali, offerent ma jistax jiġi eskluż fuq raġunijiet li ma jkunux previsti fid-dokument tas-sejħa (ara ***Zombor Enterprises Ltd v. Direttorat Proġetti u Żvilupp et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar, 2017 u ***Grange Security [Malta] Ltd. v. Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tal-Kuntratti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Lulju, 2015).

31. Irridu naraw għalhekk x'ġie mitlub fid-dokument tas-sejħa.

32. Sa fejn rilevanti għall-appell tal-lum, jirriżulta li offerent prospettiv kellu jipprovdi flimkien mal-offerta tiegħu l-*log books* taż-żewġ vetturi li huwa kien beħsiebu juża fit-twettiq tal-kuntratt u prova li dawn iż-żewġ vetturi huma awtorizzati mal-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi sabiex ikunu jistgħu jiġbru skart goff (ara paragrafu 4 ta' din is-sentenza). Minn kif kienet miktuba s-sejħa jirriżulta li dawn iż-żewġ ħtiġijiet kellhom jiġu ppruvati mill-offerent sa mill-istadju tat-tfigħ tal-offerta.

33. Ġara issa li MJ Trading Ltd indikat fl-offerta tagħha, li jekk kemm-il darba hija kellha tingħata l-kuntratt, hija kienet sejra taħdem bil-vetturi ECM-602 u HCC-753. Għad li MJ Trading Ltd ippreżentat il-*log books* ta' dawn iż-żewġ vetturi u l-permessi maħruġa mill-Awtorità għall-Ambjent u

r-Riżorsi li dawn il-vetturi setgħu jintużaw sabiex jinġabar l-iskart goff, madankollu rriżulta li s-sidt ta' dawn iż-żewġ vetturi ma kinitx MJ Trading Ltd iżda kienet Malta Recycle and Waste Collection Limited.

34. Illi skont ir-**Regolament 235 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03)** huwa aċċettabli li oblatur ekonomiku jistrieħ fuq il-ħiliet u r-riżorsi ta' entitajiet oħra. Biss però biex ikun jista' jitħalla jagħmel dan, dak l-oblatur għandu jagħti prova lill-awtorità kontraenti li huwa ser ikollu dawk ir-riżorsi għad-dispożizzjoni tiegħu, billi pereżempju jippreżenta xi forma ta' impenn jew rabta kuntrattwali li huwa għandu ma' dawk l-entitajiet biex ikun jista' jinqeda bir-riżorsi tagħhom (ara ***Sandro Caruana v. Kunsill Lokali Marsa et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Frar, 2021 u ***Sultech & Co v. Ministeru għal Għawdex et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Marzu, 2020).

35. Skont il-liġi għalhekk MJ Trading Ltd setgħet tistrieħ fuq il-vetturi mikrija mingħand Malta Recycle and Waste Collection Limited sabiex hija tipparteċipa fis-sejħa inkwistjoni, sakemm hija tipprovdi garanzija jew serħan tal-moħħ lill-awtorità kontraenti illi dawk il-vetturi sejrin tabilħaqq ikunu disponibbli favuriha biex tkun tista' twettaq il-kuntratt.

36. Bħala garanzija li dawn il-vetturi kienu ħa jkunu disponibbli għaliha,

MJ Trading Ltd ippreżentat kuntratt tat-2 ta' Settembru, 2023 iffirmat bejnha u bejn Malta Recycle and Waste Collection Limited, dwar il-kiri tal-vetturi ECM-602 u HCC-753.

37. Issa Sultech & Co qiegħda targumenta fir-rikors tal-appell tagħha, li MJ Trading Ltd ma tistax tistrieħ fuq il-kiri ta' dawn iż-żewġ vetturi, peress li tali kuntratt ta' kiri sar bi ksur tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi**. Biex issaħħaħ din il-fehma hija tiċċita silta mir-**Regolament 46(1)**, li taqra hekk:

> *«Ħadd ma għandu jipprovdi servizzi ta' kiri ta' vetturi sakemm ma jkunx awtorizzat kif imiss skont dawn ir-regolamenti:»*

38. Dan ir-**Regolament 46(1)** iżda ma jieqafx hemm għaliex dan ikompli jgħid hekk:

> *«Iżda ebda awtorizzazzjoni bħal din m'għandha tingħata sakemm l-applikant ma jkollux il-ħsieb li jirreġistra taħt il-liċenzja tiegħu tal-inqas ħames vetturi bil-mutur u tali awtorizzazzjoni għandha tiġi rtirata mill-Awtorità f'każ li, fi kwalunkwe żmien, jirriżulta illi n-numru ta' vetturi bil-mutur li jkunu qegħdin jiġu operati taħt dik il-liċenzja jkun inqas minn ħamsa (5).»*

39. Illi minbarra dan ir-regolament, Sultech & Co tirreferi wkoll għar-**Regolament 58(1)** li jiddisponi kif ġej:

> *«Huma biss vetturi reġistrati taħt il-liċenzja ta' operaturi ta' servizzi ta' ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar jew ta' servizzi ta' kiri u leasing ta' vetturi bil-mutur u li huma inklużi fir-Reġistru taħt Sezzjoni 1 jew Sezzjoni 2, skont il-każ, ta' Parti IV tal-imsemmi reġistru, li jistgħu jintużaw għall-ġarr ta' passiġġieri b'vetturi żgħar jew li jistgħu jinkrew, skont il-każ.»*

40. Għal raġunijiet li ma jirriżultawx mill-atti tal-każ, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ma stħarriġx l-ilment ta' Sultech & Co dwar jekk l-użu min-naħa ta' MJ Trading Ltd tal-vetturi mikrija lilha minn Malta Recycle and Waste Collection Limited huwiex bi ksur ta' dawn id-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi**. Dan kollu minkejja li fl-ittra tal-oġġezzjoni tagħha Sultech & Co kienet talbet lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi sabiex jinvestiga jekk kull kuntratt ta' kiri li seta' kellha MJ Trading Ltd kienx sar b'ħarsien ta' dawn ir-regolamenti.

41. Jekk it-tweġiba għal din il-mistoqsija hija li Malta Recycle and Waste Collection Limited ma tistax tikri l-vetturi tagħha lil MJ Trading Ltd skont id-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi**, allura dan neċessarjament ikun ifisser li MJ Trading Ltd ma tkunx tista' tistrieħ fuq il-vetturi ta' Malta Recycle and Waste Collection Limited biex tingħata l-kuntratt mertu tas-sejħa inkwistjoni.

42. Bilkemm għandna għalfejn ngħidu: il-Kunsill Lokali tal-Qala ma jistax jaħdem b'operatur u jħallsu għas-servizzi li dan ikun qiegħed iwettaq, bi ksur tal-liġi, għaliex inkella l-Kunsill Lokali jispiċċa jkun kompliċi fil-ksur tal-liġi.

43. Il-konsegwenza li tinstilet minn din is-sitwazzjoni għalhekk hija li l-offerta ta' MJ Trading Ltd għandha tiġi mwarrba jekk tabilħaqq hija ma tkunx tista' tagħmel użu mill-vetturi ta' Malta Recycle and Waste Collection Limited. B'dan il-mod, l-offerta ta' MJ Trading Ltd ma tkunx qiegħda tiġi mwarrba minħabba rekwiżiti ġodda li ma kinux fid-dokument tas-sejħa, iżda l-offerta tagħha tkun qiegħda tiġi mwarrba appuntu minħabba li hija ma tkunx ipprovdiet dak li kien mitlub minnha fis-sejħa, *viz.* id-disponibbiltà ta' żewġ vetturi reġistrati mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi li jistgħu jintużaw biex jinġabar l-iskart goff.

44. F'dan il-kuntest kollu, din il-Qorti mhijiex qiegħda tgħid li l-arranġament li MJ Trading Ltd kellha ma' Malta Recycle and Waste Collection Limited kien bi ksur ta' dawn ir-regolamenti. Li qiegħda tgħid din il-Qorti f'dan l-istadju huwa biss li l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kellu d-dmir li jistħarreġ dan l-ilment.

45. Illi kif kien ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza ***Bugeja Bros (Gozo) Limited v. Id-Direttur, Fergħa tax-Xogħlijiet et*** deċiża fis-27 ta' Frar, 2015, il-funzjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, mhijiex limitata sempliċement biex jara jekk il-proċess tal-aġġudikazzjoni twettaqx b'mod xieraq u trasparenti. Tassew il-funzjoni ta' dan il-Bord hija aktar wiesgħa minn hekk, fis-sens li huwa għandu d-dmir li jinvestiga hu l-ilmenti kollha li jitressqu quddiemu. Huwa appuntu għalhekk li l-liġi tagħti

lill-Bord poteri wesgħin, inkluż il-fakultà li jaħtar esperti biex iwettaq l-investigazzjoni tiegħu. Sewwasew f'dak il-każ ta' ***Bugeja Bros (Gozo) Limited***, il-Qorti tal-Appell kienet bagħtet l-atti lura lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi sabiex dan jinvestiga l-ilment tal-appellant jekk huwiex minnu li l-offerent rakkomandat kien ħa jwettaq il-kuntratt billi jipprovdi ġebel minn barrieri, minn fejn kien qiegħed jiġi allegat li huwa kien qed jopera illegalment u li fuqhom kien hemm anke avviżi ta' infurzar.

46. Bl-istess riga, fil-każ tal-lum, din il-Qorti jidhrilha li l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi mexa ħażin meta qabad u ħasel idejh milli jidħol fil-kwistjoni dwar jekk il-ftehim ta' kiri bejn Malta Recycle and Waste Collection Limited u MJ Trading Ltd huwiex skont id-dispożizzjonijiet tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri b'Vetturi Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi**.

47. Ladarba kien hemm dan l-ilment speċifiku, il-Bord kellu d-dmir li jistħarrġu u jinvestigah, inkluż jekk hemm bżonn, li jaħtar espert biex jassistih fl-investigazzjonijiet tiegħu skont ir-**Regolament 90(1) tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**. Il-Bord ma jistax jaqbad u jiċħad ittra ta' oġġezzjoni mingħajr ma jagħti raġunijiet motivati għalfejn kull wieħed mill-ilmenti miġjuba f'dik l-ittra jkun qiegħed jiġi mwarrab (ara ***Support Services Limited v. Central Procurement and Supplies Unit et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru, 2016).

48. F’dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk l-aggravju qiegħed jiġi milqugħ u l-atti sejrin jiġu mibgħuta lura lill-Bord ta’ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi sabiex dan jiddeċiedi l-kwistjoni dwar jekk MJ Trading Ltd tabilħaqq tistax tistrieħ fuq il-vetturi ta’ Malta Recycle and Waste Collection Limited minħabba dak li jiddisponu r-**Regolamenti 46(1)** u **58(1)** tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta’ Ġarr ta’ Passiġġieri b’Vetturi Żgħar u Servizzi ta’ Kiri ta’ Vetturi**.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tilqa’** l-appell ta’ Sultech & Co u bħala riżultat qiegħda tħassar is-sentenza tal-Bord ta’ Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi tat-2 ta’ April, 2024 u tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-istess Bord sabiex dan jinvestiga u jistħarreġ l-ilment ta’ Sultech & Co dwar jekk għall-għanijiet tar-**Regolament 235 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**, MJ Trading Ltd tistax tabilħaqq tinqeda bil-vetturi ta’ Malta Recycle and Waste Collection Limited minħabba dak li jiddisponu r-**Regolamenti 46(1)** u **58(1)** tar-**Regolamenti dwar Servizzi ta’ Ġarr ta’ Passiġġieri b’Vetturi Żgħar u Servizzi ta’ Kiri ta’ Vetturi**.

L-ispejjeż kollha marbuta ma' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-Kunsill Lokali tal-Qala u minn MJ Trading Ltd *in solidum* bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da